TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 1519

KAZ NRU. 1424

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Joseph Gatt

u

Bonfiglioli Trading Limited

dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta.

Data : 5 ta' Lulju 2004

Chairman : Is-Sur George Borg Cardona

Dan il-Kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru ghall-Politika Socjali b'ittra datata 8 ta' Marzu 2000 b'referenza MSP/TI/18/2000 skond il-provvedimenti ta' Artiklu 28 (2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm 21 seduta.

Joseph Gatt, aktar il-quddiem jissejjah l-"appellant", kien assistit mill-Avukat Kris Borg u Bonfiglioli Trading Limited, aktar il-quddiem tissejjah il-"Kumpanija", kienet rapprezentata minn Anthony Galea assistit mill-Avukat Andrew Borg Cardona.

Fl-Istqarrija tal-Kaz l-appellant qal li t-tkeccija tieghu kienet ingusta ghaliex :

- pajjizi prominenti, li skond il-Kuntratt tax-xoghol kellu jkun risponsabbli ghalihom u fejn kien hemm prospetti tajbin ta' bejh tal-magni tal-Kumpanija, tnehhewlu minn taht idejh ;
- dan sar biex il-Kumpanija ma thallsux kummissjoni fuq bejh f'dawn il-pajjizi ;
- sa l-ahhar ta' l-1999 intlahqet lista ta' madwar 100 kumpanija/klijent, fosthom 23 agenti u saru madwar 200 offerta tal-prodotti tal-Kumpanija ;
- hu kkontribwixxa bil-kbir ghal dan, li r-rizultat tieghu probabbilment kien jidher fis-snin ta' wara u kien igib mieghu hlas ta' kummissjoni sostanzjali skond il-kuntratt ;
- it-terminazzjoni tal-impieg kienet premeditata biex issehh qabel it-tmiem tal-1999 biex ma jithallsux lilu tali kummissjonijiet ;
- il-Kumpanija f'qasir zmien kecciet numru ta' impjegati kemm f'Malta kif ukoll fl-Italja.

Il-Kumpanija sostniet li t-terminazzjoni ta' l-impieg kienet gustifikata ghaliex l-appellant :

- kellu nuqqasijiet fl-agir tieghu kif ukoll naqas li jwettaq l-obbligi ta' l-impieg u dan wara li asserixxa li kellu l-kwalifiki mehtiega ;
- kien gie mwiddeb li ma kienx qed jissodisfa l-aspettattivi legittimi tal-Kumpanija ;
- fl-ewwel sena biegh biss valur ta' $ 30,000 li ma kienx sodisfacenti ;
- meta mitlub jaghmel *budget* u pjan ta' hidma baqa jirrezisti u l-affarjiet ma mmeljorawx ;
- kellu atteggament negattiv fuq ix-xoghol
- kien zlejali lejn il-Kumpanija billi maqdarha ma mpjegat prospettiv u skoraggih milli jahdem maghha.

Fis-sottomissjonijiet finali l-appellant qal li kien issodisfa l-obbligazzjonijiet kollha tal-kuntratt tax-xoghol li kienu :

- li jaghmel *training* tekniku fil-Kumpanija l-Italia ;
- li jaghmel il-*budgets* ghas-sena 2000 ;
- li jassumi risponsabbilta ghall-i*staff* kummercjali ;
- li jahdem skond id-direttivi tad-Direzzjoni Generali Taljana u jkun risponsabbli lejhom biss.

Ghamel hafna enfasi fuq dak li kien qal fl-Istqarrija tal-Kaz li r-raguni vera ghat-tkeccija tieghu kienet biex il-Kumpanija tevita li thallsu il-kummisjoni ta' Lm 1000 li kienet dovuta ghas sena 1999 u kummissjonijiet sostanzjali li kienu se jigu dovuti fis-sena 2000 fuq xoghol li gieb hu ghall-Kumpanija.

Il-Kumpanija cahdet dak li kkontenda l-appellant u sostniet dak li ddikjarat fl-Istqarrija tal-Kaz.

Dwar il-punt, li tqajjem biss fis-sottomissjonijiet finali, jekk l-appellant kienx impjegat ma Bonfiglioli Engineering Ltd. jew ma Bonfiglioli Trading Ltd., it-Tribunal ma jidhirlux li ghandu jikkonsidra l-merti ta' din ic-cirkostanza. Dan ghaliex wara li ilu ghal aktar minn erbgha snin jisma' xhieda interminabbli u jezamina numru kbir ta' dokumenti m'ghandux issa jibda jikkunsidra jekk l-okkju tal-kaz kienx korrett la ma saritx eccezzjoni f'waqtha.

Mix-xhieda u mid-dokumenti jirrizulta li :

- l-appellant kellu jaghmel *training* tekniku fl-Italia biex jakkwista preparazzjoni u konoxxenza tal-prodott tal-Kumpanija. Dan kellu jkun l-inqas perijodu possibli izda sufficienti biex jakkwista il-*minimum knowhow* mehtieg biex jiffacca s-suq. Ghalkemm ghamel madwar hames xhur ta' tahrig fl-Italja, mix-xhieda tal-President tal-Kumpanija ma jidhirx li ghamel dak kollu mehtieg biex ikun ippreparat tajjeb ghax-xoghol ta' bejh tal-prodotti tal-Kumpanija ;
- naqas li jaghmel *budget(revenue and expenses)* ghas-sena 2000. Id-dokumenti li pprezenta l-appellant (F2 u F3) b'ebda mod ma jistghu jitqiesu bhala *budget* jew li jissodisfaw dan l-obbligu u wisq anqas li jitqiesu bhala *business plan* ;
- ma stabbiliex rapport tajjeb ma shabu fl-ufficju tal-Kumpanija f'Malta u anqas ma kollegi fil-fabrika l-Italja tant li dawn ghamlu rapporti negattivi fuqu ; anke kkritika ufficjal gholi tal-Kumpanija b'mod xejn diplomatiku anzi li wiehed jista' jsejjahlu aggressiv jekk mhux arroganti. Kien jidher car tul is-smiegh tal-kaz li ma kienx hemm kordjalita bejn l-appellant u l-Amministratur li kien jirrapprezenta d-diretturi hawn Malta. Impjegati ohra Maltin li marru ghal tahrig l-Italja stabbilew rapport tajjeb ma kollegi Taljani li tkellmu b'mod pozittiv fuqhom. Jidher li l-mod kif kien jittratta ma haddiehor l-appellant kien tali li ma jigbidx simpatija ;
- ex-impjegat tal-Kumpanija qal li gie skoraggit mill-appellant milli jaccetta pozizzjoni mal-Kumpanija izda qal ukoll li xi affarjiet li qallu dwar il-mod kif kien isir it-tahrig l-Italja sab li kienu veri meta mar hemm. Impjegati ohra Maltin qalu li kienu sodisfatti bit-tahrig li rcevew l-Italja u wiehed qal li kien eccellenti.

- skond il-kuntratt ghas-sena 1999 il-Kumpanija kellha thallas l-appellant bonus ta' Lm 1000, skond il-gudizzju nsindakabbli taghha, fuq bazi tal-kwalita tax-xoghol li jkun ghamel. Huwa kien biegh biss zewg magni ta' valur relattivament zghir tant li l-Kumpanija ma kienetx sodisfatta bil-kwalita tax-xoghol tieghu u zgur ma kienetx se thallas dan il-bonus. Dwar kummisjonijiet ghas-sena 2000 dawn kellhom jinhadmu skond formola specifikata fil-kuntratt ibbazata fuq *budgets* partikulari ghal regjuni specifikati li kellu jaghmel l-appellant izda li ma ghamilx. Ghalhekk ma kienx hemm bazi biex jigu determinati x'setghu kienu dawn il-kummissjonijiet u anqas ma ngiebet prova li kien hemm offerti serji rizultat tal-hidma ta' l-appellant u li kellhom possibilta tajba li jirrezultaw f'bejh. Barra minn hekk il-logika twasslek ghall-konkluzjoni li kumpanija ma tkeccix impjegat ghax ikun qed igibilha hafna xoghol biex ma thallasx kommissjonijiet kif determinati minnha stess izda ghall-kuntrarju tincentivah biex tkompli tgawdi mix-xoghol siewi tieghu.

Wara li qies sewwa x-xhieda, ezamina d-dokumenti u kkunsidra s-sottomissjonijiet tal-partijiet it-Tribunal wasal ghall-konkluzzjoni li t-terminazzjoni tal-impieg kienet dovuta principalment ghaliex l-appellant naqas li jissodisfa l-aspettattivi tal-Kumpanija u ma wettaqx uhud mill-obbligi li kellu. Jidher li l-appellant, ghalkemm kwalifikat fil-branka ta' l-inginerija ma kellux dawk l-abbiltajiet biex ikun *sales representative* tajjeb u barra minn hekk ma kienx jaghmel sforz biex jistabbilixxi relazzjoni kordjali ma haddiehor, haga li hi tant mehtiega ghal min irid jikkonvinci lil xi hadd biex jixtri prodott partikolari.

Ghalkemm il-Kumpanija qalet li widdbet l-appellant li ma kienx qed jissodisfa l-aspettivi legittimi taghha u t-Tribunal jappreza li ssoportiet sa kemm hasset li ma setghetx tkompli thallas paga sostanzjali minghajr ma tiehu rizultat accettabbli, izda jmissa avzatu formalment bil-miktub dwar in-nuqqasijiet tieghu.

Wara li kkunsidra ic-cirkostanzi kollha tal-kaz it-Tribunal jiddeciedi li kien hemm raguni tajba u sufficienti ghat-terminazzjoni tal-impieg. Izda minhabba n-nuqqas taghha li twissieh formalment dwar in-nuqqasijiet tieghu qabel ma tterminat l-impieg it-Tribunal jordna li l-Kumpanija ghandha thallas kumpens ta' Lm 500 (hames mitt lira Maltin) lill-appellant. Dan il-hlas ghandu jsir fi zmien sitt gimghat mid-data ta' din id-decizjoni.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm 40 (erbghin lira Maltin).

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

George Borg Cardona
Chairman

Mary Rose Galea
A/Segretarja